**18 ta' Marzu, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

John Mallia

*versus*

L-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone għan-nom u in rappreżentanza ta' Associated Motors Co. Ltd.

**Kambjali Skaduti - Notifika fil-Gazzetta tal-Gvern**

*Il-ħruġ tan-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern iġġib magħha n-notifika regolari.*

Il-Qorti:-

Rat il-libell ta' John Mallia li bih espona:

Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-11 ta' April, 1991 fil-kawża fl-ismijiet "Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Associated Motors Co. Ltd kontra John Mallia", ġie deċiż billi l-konvenut ġie kkundannat li jħallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, mija u erbatax-il lira (Lm1114.00,0) import ta' kambjali skaduti flimkien ma' imgħax u spejjeż;

Illi din is-sentenza ġiet mogħtija wara illi din il-Qorti ddikjarat li l-konvenut kien ġie debitament nnotifikat permezz bil-proċedura ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, ġiet mitluba peress illi l-attur nomine ma setax jinnotifika lill-konvenut fl-indirizz ta' 225, St. Ursula Street, Valletta;

Illi huwa ssottometta illi din it-talba ġiet ottenuta bil-qerq da parti ta' l-attur nomine u dana peress illi huwa kien jaf minn żmien qabel illi l-konvenut ma kienx għadu joqgħod f'dak l-indirizz iżda kien mar joqgħod Villa Jolin, New Street in Spring Street - illum Farinal Street - Mosta u dana mis-17 ta' Diċembru, 1982, (Dokument A) meta l-konvenut kien bagħat jinforma lis-soċjetà attriċi bit-tibdil ta' l-indirizz tiegħu. Illi dan huwa kkonfermat ukoll mill-attur nomine permezz ta' ittra ddatata 2 ta'Ġunju, 1983 fejn ġie indikat l-indirizz attwali tal-konvenut (Dokument B);

Illi anke f'dan ir-rigward, is-soċjetà attriċi kienet ilha mis-sena 1983 tibgħat "*statement of account*" lil-konvenut fl-indirizz tiegħu attwali.

Illi għaldaqstant l-attur nomine kien jaf illi l-konvenut ma

seta' qatt jiġi notifikat ġewwa l-indirizz ġewwa l-Belt, kif kien hemm indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, u għalhekk meta l-attur nomine kien talab din il-Qorti sabiex jiġi awtorizzat sabiex jipproċedi bin-notifika taċ-ċitazzjoni bil-Gazzetta tal-Gvern, dan kien sar bi skop sabiex il-konvenut ma jkunx f'posizzjoni li jkun jista' jirċievi l-atti tal-kawża regolarment u għalhekk ikun jista' jiddefendi ruħu skond il-liġi;

Illi wkoll, din il-Qorti, fid-digriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 1989, akkordat it-talba ta' l-attur nomine prevja li dana jiddikjara bil-ġurament tiegħu li l-konvenut jinsab f'dawn il-gżejjer. Illi mill-atti tal-proċess jirriżulta illi l-attur nomine naqas milli jottempra ruħu mad-digriet ta' din il-Qorti stante illi naqas milli jiddikjara bil-ġurament tiegħu, imma xorta waħda baqa' biex ottjena l-ħruġ ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

Illi l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ġie ppubblikat fit-3 ta' Lulju, 1990 u dana wkoll ma ġiex ippubblikat korrettement stante illi d-data tad-digriet ta' din il-Qorti ġie mogħti data ħażina fis-sens illi ġiet indikata d-data tas-27 ta' Novembru, 1990 minflok 27 ta' Novembru, 1989;

Illi l-libellant sar jaf b'din is-sentenza fit-22 ta' Novembru, 1991 billi meta kien mar għand il-Bank of Valletta Ltd. sabiex jirtira xi flus mill-kont tiegħu, kien ġie infurmat illi kien hemm mandat ta' sekwestru maħruġ kontra tiegħu mill-attur nomine skond is-sentenza mogħtija fil-11 ta' April, 1991;

Illi għalhekk il-libellant issottometta illi din is-sentenza għandha tiġi mħassra u l-kawża għandha tiġi ritrattata u dan a tenur ta' l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 u dan speċifikament għar-raġunijiet skond is-subartikoli (a) u (b) ta' l-istess artikolu peress

illi s-sentenza ġiet meħuda b'qerq u peress illi l-konvenut ma ġiex notifikat bil-kawża;

Il-libellant nomine filwaqt li ġieb il-malleverija għall-ispejjeż ta din il-proċedura u waqt li impenja li jipprova dan kollu li ntqal fuq, talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza tagħha mogħtija fil-11 ta' April, 1991 fl-ismijiet "Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Associated Motors Co. Ltd. kontra John Mallia" u tordna li l-kawża tiġi rritrattata u deċiża skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone nomine, li biha espona:

"1. Preliminarjament illi l-libellant iddekada mid-dritt għal talba tar-ritrattazzjoni a tenur ta' l-artikolu 818 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Illi bla preġudizzju n-notifika bil-Gazzetta tal-Gvern ma hiex afflitta minn difetti serji li jirrenduha nulla;

3. Illi l-esponent ma ġiex innotifikat b'nota ta' dokumenti kif rikjest bl-artikolu 130 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, u senjatament is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 1993 li biha din il-Qorti ċaħdet bħala infondata l-ewwel eċċezzjoni preliminari ssollevata mil-libellat nomine u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-intimat nomine ottjena regolarment in-notifika tal-libellant odjern permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern billi kien jaf li l-libellant ma kienx għadu joqgħod f'225 St. Ursula Street, Valletta u inoltre ma ottemperax ruħu mad-digriet tas-27 ta' Novembru, 1989 qabel il-ħruġ ta' l-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

Illi għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-libellat nomine għandha tiġi miċħuda u t-talba tal-libellant għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' it-talba u konsegwentement tordna li l-kawża fl-ismijiet "Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà "Associated Motors Co. Ltd." kontra John Mallia (Ċitazz. Nru 1184/88) deċiża minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-11 ta' April, 1991, tinstema' mill-ġdid fil-meritu, bl-ispejjeż kontra l-libellat nomine; u tirriappunta l-kawża li s-sentenza tagħha ġiet ikkanċellata b'din is-sentenza għas-27 ta' April, 1994.